

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EAC/S05/13

## Network Ewropew għall-Politika ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Litteriżmu

(Sejħa miftuħa)

(2013/C 130/07)

**1. Obiettivi u deskrizzjoni**

L-għan ta' din is-sejħa huwa dak li madwar l-Ewropa kollha ssaħħa il-kollaborazzjoni bejn il-fondazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet, il-Ministeri u organizzazzjonijiet oħra attivi fil-qasam tal-promozzjoni tal-litteriżmu sabiex jiżiedu l-livelli ta' litteriżmu fost it-tfal, iż-żgħażaġh u l-adulti fl-Ewropa. In-netwerk se jkun appoġġjat minn għotja għal azzjoni b'bosta benefiċjarji min-naħa tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, kif definit fil-paragrafu 4.1.4 tal-Programm ta' Ħidma Annwali 2013 adottat fis-27 ta' Marzu 2013.

Is-sejħa għandha l-għan li tappoġġa l-istabbiliment ta' netwerk wieħed Ewropew għall-politika sabiex irawwem kuxjenza, jiġbor u janalizza informazzjoni dwar il-politika, u jiskambja approċċi fir-rigward tal-politika, prattika tajba u kampanji promettenti flimkien ma' inizjattivi għall-promozzjoni tal-litteriżmu u wkoll, li fid-dawl tal-valur referenzjarju tal-qafas tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ET 2020), inaqas l-għadd ta' dawk li għandhom livelli baxxi ta' ħiliet fil-qari sal-2020 <sup>(1)</sup>.

L-applikant għandu jissottometti programm ta' ħidma li jispjega l-azzjonijiet konkreti u r-riżultati proposti sabiex jikseb l-għanijiet stabbiliti f'din is-Sejħa għall-Proposti. Il-programm ta' ħidma għandu jinkludi miri, indikaturi u skeda taż-żmien ċari.

L-ambitu tal-programm ta' ħidma propost għandu jkopri:

- l-iżvilupp ta' għarfen marbut mal-pajjiż;
- l-iffaċilitar tal-iskambju ta' prattika tajba;
- l-inizjattivi li jrawmu kuxjenza;
- il-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet oħrajn li jaħdmu fil-qasam tal-litteriżmu kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE sabiex jiġu promossi politiki effettivi ta' litteriżmu.

Id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' din l-azzjoni huwa l-Unità tal-Edukazzjoni Skolastika u tal-Comenius fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura.

<sup>(1)</sup> Sal-2020, is-sehem ta' dawk ta' ħmistax-il sena li jkollhom livell baxx ta' ħiliet fil-qari, il-matematika u x-xjenza għandu jkun anqas minn 15 %. <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2009:119:0002:0010:MT:PDF>

## 2. Eliġibbiltà

### 2.1. Applikanti

Huma eliġibbli biss applikazzjonijiet minn entitajiet legali li huma stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- il-pajjiż li qed jissieħeb: il-Kroazja;
- il-pajjiżi kandidati: l-Islanda, il-Montenegro, is-Serbja, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija;
- L-Istati tal-EFTA: Liechtenstein, in-Norveġja, l-Isvizzera.

Jistgħu jintgħażlu proposti mill-applikanti li ġejjin minn pajjiżi kandidati sakemm, fid-data tal-għoti, ikunu ġew iffirmati f'tehimiet li jstabbilixxu l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' daww il-pajjiżi fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja.

In-netwerk għandu jkopri tal-anqas 20 pajjiż parteċipanti fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja. Sabiex jinkiseb bilanċ ġeografiku tajjeb, il-membri tan-netwerk għandhom ikunu jirrappreżentaw tal-anqas 15-il Stat Membru.

### 2.2. Proposti

Għal din is-sejħa għall-proposti, huma eliġibbli l-proposti li ġejjin:

- proposti li jaslu sal-iskadenza stipulata f'din is-sejħa għall-proposti;
- proposti mressqa permezz tal-formola ta' applikazzjoni uffiċjali skont ir-rekwiżiti tagħha; għandha tkun mimlija kollha u ffirmata;
- l-applikazzjonijiet iridu jinkitbu b'lingwa uffiċjali tal-UE.

## 3. Baġit u tul tal-proġett

It-total tal-baġit allokat għall-kofinanzjament tal-azzjoni huwa stmat li jlaħħaq massimu ta' EUR 3 000 000 għall-perjodu ta' żmien 2013-2015.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni ma tistax taqbeż il-75 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

Perjodu ta' implimentazzjoni:

- l-attivitajiet għandhom jibdew wara l-iffirmar tal-ftehim tal-għoti (sa, l-aktar tard, Diċembru 2013);
- l-attivitajiet għandhom jitlestew 24 xahar wara l-iffirmar tal-ftehim tal-għoti;
- it-tul massimu tal-azzjoni huwa ta' 24 xahar.

## 4. Skadenza għall-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard **mid-29 ta' Awwissu 2013** f'nofsinhar, bit-timbru tal-posta bħala prova, lil

'Call for proposals European Policy Network of National Literacy Organisations EAC/S05/13'  
For the attention of Mr João DELGADO  
Head of Unit  
Directorate-General for Education and Culture  
Unit B1: School Education; Comenius  
J-70, 02/232  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

### 5. Aktar taġrif

It-testi l-oħra marbuta ma' din is-sejħa għall-proposti, li jinkludu l-formola tal-applikazzjoni u l-gwida tal-programm li tinkludi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u amministrattivi, jinsabu fl-indirizz tal-internet li ġej:

[http://ec.europa.eu/education/calls/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/education/calls/index_en.htm)

L-applikazzjonijiet iridu jkunu konformi mat-testi msemmija hawn fuq u jiġu ppreżentati fil-formoli pprovduti.

---